**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. /2019**

**Adrian Pace K.I. 157278(M)**

**VS**

**Enemalta p.l.c. u Kunsill Lokali Tarxien**

**Illum, 17 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors għal ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni t 7 ta' Mejju, 2019;

Rat id-digriet tagħha datata 7 ta' Mejju, 2019[1];

Rat ir-risposta għal istess datata 9 ta' Mejju, 2019[2];

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjonijiet;

[1] Folio 3

[2] Folio 7A

Ikkonsidrat

Semgħet illi r-rikorrenti joqgħod fil-fond indikat fir-rikors promotur li mal-faċċata tiegħu l-kunsill lokali intimat iddeċida illi mingħajr il-kunsens tas-sid rikorrenti iwaħħal dawl, lampa. Meta l-istess rikorrenti ilmenta mal-kunsill dwar dan, preċizament mas-sindku, ingħad illi s-sindku għalkemm kien lest li jneħħi dik il-bozza mwaħħla, wera pero il ħsieb jqiegħed bozza, ċioe arbblu f'nofs il-faċċta tad-dar ta' l-istess rikorreti.

Illi fl-opinjoni tar-rikorrenti din kienet tikkostitwixxi ruħha fi sfida lejh stante lis-sindku baqa jgħidlu illi kellu ħsieb jagħmel l-arbblu ma nofs il-faċċata tiegħu;

Jiġi nnutat wkoll illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2019, ir-rikorrenti irtira il-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' EneMalta plc stante li man-notifika tal-mandat il-bozza li twaħħlet mad-dar tar-rikorrenti kienet ġiet maqlugħa.

Rat ukoll illi fl-istess seduta l-avukat difensur tal-Kunsill indikat iddikjara li kien għad hemm il-ħsieb u intenzzjoni li jitwaħħal l-arblu tad-dawl in kwistjoni fuq il-bankina quddiem id-dar tar-rikorrenti, preċizament kif ilmentat mill-istess.[3]

Ikkonsidrat

Illi r-rikorrenti jressaq l-ilment tiegħu a bażi tal-fatt illi ma jridx li jitwaħħal arbblu tad-dawl mal-faċċata tad-dar tiegħu, <u>dan mingħajr il-kunsens aħħari tiegħu</u>. Għalhekk l-ilment tar-rikorrenti huwa ukoll dirett lejn l-fatt li huwa se jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-propjeta' tiegħu anke tenut kont tal-fatt li hu ottjena permessi opportuni biex jizviluppa l-propjeta' inkluz il-faċċata skont id-dokumenti esebiti fl-atti tar-rikors in ezami[4].

Illi n soluzzjoni ta' din it-talba l-Qorti se tagħmel ampja referenza għal dak li qalet l-istess Qorti diversament preseduta fil-provediment fl-ismijet **Av. Dottor Reuben Farrugia vs Kunsill Lokali Ħal Balzan**[5] fejn ingħad illi:_

---

[3] Folio 13
[4] Dok AP1, AP2 U AP3.
[55] Mandat numru 1037/2015/1 27/07/2015

*Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat*[6]*;*

*Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant.*[7] *Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;*

*Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda*[8]*;*

*Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali*[9]*. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;*

…

*Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil- kariga uffiċjali*

[6] Art 873(1) tal-Kap 12
[7] App.Ċiv.14.7.1988 fil-kawza fl-ismijiet Grech pro et. noe vs Manfre' (Kollez. Vol: Vol LXXII.ii.290)
[8] Art. 875(3) tal-Kap 12
[9] Ara Kumm. 29.9.1994 fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet Angelo Xuereb vs Marin Hili

*tagħha, il-liġi*[10] *titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;*

[10] Ara 873(3) tal-Kap 12

*Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;*

Ikkunsidrat ulterjorment:

Tara li kif trid il-liġi l-Kunsill iddikjara l-intenzzjoni tiegħu li jipproċedi b'dak li hu oppost mir-rikorrenti u ċioe li f'nofs il bankina, anzi f'nofs il-faċċata li għandu dritt jiżviluppa r-rikorrenti se jitwaħħal arbblu tad-dawl. Anzi skont ir-rikorrenti dan se jsir ukoll b'animu ta' sfida lejh, xejn anqas ħlief mis-sindku nnifsu. Dan bħala fatt ma ġiex mressaq lil Qorti, għalhekk fir-rigward il-Qorti tispera biss li dan mhux il-kaz għax ċertament tali aġir mhux dejn ta' l-uffiċċju msemmi u jirasenta l-abuz. Tqis għalhekk li ġie sodisfatt il-vot tal-liġi għall-fini ta' l-artikolu 873(3) tal-Kap 12.

L-intimat Kunsill jargumenta illi magħmul dan l-arbblu, jekk jiġi finalment deċiz li kien lesiv lejn il-jedd, dritt, pretiz mill-attur/rikorrenti, dana faċċli biex jitneħħa, bil-konsegwenza li allura kull ħsara nflitta tista f'tali kaz tissewwa.

Tqis ukoll illi hawn il-Qorti trid tqis il-proporzzjon ta' pregudizzju li se jkun soffert miz-zewġ naħħat involuti. Allura jinħtieg jitwizen il-vantagg li jseħħ jekk isir dana l-arbblu mall-faċċata tar-rikorrenti versu l-ħsara li jsoffri r-rikorrenti fil-kaz propost.

M'hemmx dubbju li kif imħaddan fis-sentenza riferuta mir-rikorrrenti, ċioe' dik tal-Qorti ta' l-Appell Ċivili fl-ismijet **Arcidiacono Ltd. et. vs Kunsill Lokali Msida et.**[11], l-istess rikorrenti għandu jedd li jipproteggi d-dritt tiegħu għat-twaħħil ta' bozza/arblu mal-faċċata tiegħu, dan jedd li hawn qed jiġi ezaminat **biss u unikament mad-daqqa t'għajn**. Stabbilit dan il-jedd wieħed jista faċilment jargumenta li arbblu jista dejjem jinqala, pero fil-verita' l-isproporzzjon huwa ċar u lampanti mill-fatt biss li dana l-arbblu jista jitwaħħal f'lok ieħor bla ma jinpingi fuq l-izvillup u r-residenza tar-rikorrenti, u t-tgawdija tagħha da parti tiegħu.

[11] 1326/10JA deċiza 30/09/2016

Konsegwentement il-Qorti qegħda tilqa t-talba kif dedotta u tinibixxi lil Kunsill Lokali ta’ Tarxien milli jikkonettja, jqabbad u/jew jagħmel funzjonanti l-bozza illi l-istess Kunsill waħħal mal-faċċċata tal-fond 2, Triq il-Kbira, Tarxien **ukoll milli l-istess intimat Kunsill milli b’xi mod jinstalla arblu quddiem u/jew mal-faċċata tal-fond 2, Triq il-Kbira, Tarxien.**

**L-ispejjes ta’ dan il-mandat ikunu a karigu tal-Kunsill Lokali Tarxien.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**